29 ta' Ottubru 1954

Imħallef

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Emmanuele Camilleri ne. versus Anthony Caldacione ne.**

**Azzjoni Redibitorja u Azzjoni Estimatorja — Vizzji Okkulti — Terminu — Preskrizzjoni jew Dekadenza — Bejgħ.**

*L-opinjoni prevalenti f'materja ta' azzjoni redibitorja u ta' azzjoni estimatorja hija fis-sens illi t-terminu impost mill-liġi għall-eżerċizzju ta' dawk l-azzjonijiet huwa terminu ta' dekadenza, u mhux terminu ta' preskrizzjoni; u meta d-dritt għall-propożizzjoni ta' dawk l-azzjonijiet ikun spiċċa bid-dekorrenza taż-żmien, ma jistgħux mill-kumpratur jiġu opposti "in via di eccezione".*

*Lanqas it-trattativi li jistgħu jkunu ħemm bejn iż-żewġ kontraenti waqt id-dekorrenza taż-żmien, biex jirranġaw jew jirriżolvu l-kwistjoni, ma jistgħu jkollhom effikaċja interruttiva, ammenokkè bħala effett u fil-kors ta' dawk it-trattativi, u fil-waqt li jkun għaddej iż-żmien, il-vendittur ma jkunx irrikonoxxa, u ma jkunx ma ikkuntrastax l-eżistenza tal-vizzju; b'mod li, biex il-kumpratur jista' jsostni l-azzjoni tiegħu proposta wara d-dekors taż-żmien, jeħtieġlu jipprova illi huwa, fiż-żmien utili, informa lill-vendittur bil-vizzju tal-ħaġa, u li dan, f'dak iż-żmien, ippromette li jieħu l-ħaġa lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-eżistenza tal-vizzju.*

*Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-vendittur, biex jissospendi d-dekadenza ta' l-azzjoni redibitorja, irid ikun ċar, formali, espliċitu, inkondizzjonat.*

**Il-Qorti;** — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi d-ditta attriċi xtrat minn għand id-ditta konvenuta kwantità ta' xropp tal-larinġ, jismu "orange quash", tad-ditta Ingliża "Solo", bil-prezz ta' [illegible] 2. 0,

li ġie debitament imħallas; u li dana l-"orange squash" ma kienx skond il-ftehim; u li fuq suġġeriment tal-konvenut huwa pprova jżid kwantità ta' zokkor ma' dak l-istess "orange squash", u għal dan il-fini għamel £39. 18. 0 spejjeż, iżda b'daqshekk ma ottjeniex riżultati tajba; u li huwa, wara li pprova inutilment jasal fi ftehim bonarju mal-konvenut, iddepożita l-istess "orange squash" taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'ċedola tas-26 ta' Mejju 1952; talab illi jiġi rexiss u annullat il-bejgħ ta' l-"orange squash" in kwistjoni, u l-konvenut jiġi kundannat jirrifondilu l-prezz relativ fl-ammont ta' £66. 2. 0, u jħallas lilu, b'titolu ta' danni, l-ulterjuri ammont ta' £39. 18. 0 li huwa eroga fix-xiri tal-kwantità ta' zokkor fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk taċ-ċedola ta' depożitu, u bl-imgħaxijiet legali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar it-tieni eċċezzjoni;

Illi, riferibilment għall-kwistjoni jekk it-terminu impost mil-liġi għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni redibitorja — liema azzjoni l-attur ma jinnegax li qiegħed jeżerċita — huwiex terminu ta' preskrizzjoni jew inveċe terminu ta' dekadenza, fil-ġurisprudenza patrija l-opinjonijiet mhumiex paċifiċi; l-għaliex, fil-waqt li hemm diversi sentenzi tal-Qrati Tagħna li jikkunsidraw dak it-terminu bħala terminu ta' preskrizzjoni, hemm diversi oħra li fihom ġie ritenut illi l-istess terminu huwa terminu ta' dekadenza. Però l-opinjoni prevalenti tidher li hija dik illi t-terminu hu perentorju, konformi għall-opinjoni l-aktar akkreditata fid-dottrina u fil-ġurisprudenza kontinentali;

Invero, ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1891, fil-kawża "Farrugia vs. Vassallo" (Kollez. Vol. XIII, pag. 76), illi t-terminu fuq imsemmi huwa terminu ta' preskrizzjoni, u li dina l-preskrizzjoni, bħall-preskrizzjonijiet l-oħra, tista' tiġi interrotta b'kull att ġudizzjarju debitament notifikat lill-parti l-oħra, li minnu jkun jirriżulta b'mod ċar illi l-kreditur irid jikkonserva d-drittijiet tiegħu, u għalhekk il-kompratur mhux obbligat jipproponi f'ġudizzju l-azzjoni tiegħu fit-terminu determinat mil-liġi, imma jista' dejjem f'dak l-istess żmien, jikkonserva d-

dritt, tiegħu bħala uffiċjali, protest, jew att ieħor ġudizzjarju, u mbagħad jippreponi l-azzjoni anki meta jkun għadda t-terminu; u dan għaliex, kif jingħad fl-istess sentenza, il-lokuzzjoni wżata mil-liġi tagħna — "l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni estimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobili bl-għeluq ta' sena minn dak inhar tal-kuntratt, u għal dawk li huma ħwejjeġ mobili bl-għeluq ta' xahar minn dak inhar tal-konsenja tal-ħaġa mibjugħa" (art. 1481 (1) Kodiċi Ċivili)—turi l-konċett tad-dispożizzjoni tagħha, billi f'dik id-dispożizzjoni jingħad illi l-azzjoni redibitorja jew estimatorja hija preskritta bl-għeluq ta' sena riferibilment għall-immobili u bl-għeluq ta' xahar għal dawk li huma ħwejjeġ mobili; u dan ifisser, jingħad fl-imsemmija sentenza, illi jekk il-kumpratur iħalli jgħaddi dak iż-żmien mingħajr ebda att ġudizzjarju, il-venditur jista' jopponilu l-preskrizzjoni, ta' sena jew ta' xahar skond il-każ, biex jeħles mill-azzjoni tal-kumpratur — lokuzzjoni li hija l-istess bħal dik li tinsab f'diversi dispożizzjonijiet simili fi t-Titolu "Fuq il-Preskrizzjoni";

Fl-istess sentenza jingħad ukoll illi t-tagħlim fil-materja ta' kommentaturi tal-kodiċijiet Taljan u Franċiż, u ta' sentenzi tat-tribunali ta' l-Italja u ta' Franza, ma jiswewx għalina; mhux biss għaliex l-opinjoni ta' dawk il-ġurekonsulti hija kontrastata minn dik ta' oħrajn, fosthom Troplong, u għaliex jinstabu sentenzi fejn ġie ritenut diversament, imma anki għaliex — u dan hu l-aktar li jiswa — l-artikoli tal-kodiċijiet Taljan u Franċiż, korrispondenti għad-dispożizzjoni tal-liġi tagħna, u dawk tal-kodiċijiet preċedenti tad-Due Sicilie, ta' Parma, ta' Piacenza u ta' Sardegna, iġibu redazzjoni diversa minn dik ta' l-artikolu tal-Kodiċi Tagħna. Fil-Kodiċi Taljan, difatti, hija adoperata l-lokuzzjoni "L'azione redibitoria deve proporsi dal compratore ecc."; u b'hekk ġie kwindi ordnat li ma tkunx suffiċjenti l-konservazzjoni tad-dritt permezz ta' att ġudizzjarju, imma hu meħtieġ illi l-azzjoni relativa tiġi promossa f'ġudizzju fiż-żmien determinat mil-liġi; fil-waqt li l-liġi tagħna, billi ma tillimitax b'dak il-mod id-dritt tal-kumpratur, tħalli lill-istess kumpratur, barra kwantu għaż-żmien, aħt l-impern tar-regoli ġenerali tal-

preskrizzjonijiet. F'dan is-sens hija wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-10 ta' Ġunju 1899 fil-kawża "Caccia vs. Quattrocchi", u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-10 ta' Marzu 1938, fil-kawża "Abela vs. Cutajar" (Kollez. Vol. XVII, parte III, pag. 28, u Vol. XXVII, parte II, pag. 28);

Gie ritenut, invece, mill-Qorti ta' l-Appell Tagħna fil-kawżi "Pizzuto vs. Refalo", "Ruggier vs. German", "Gauci vs. Gatt", "Darmanin vs. Baldacchino", "Arrigo vs. Falzon" (Kollez. Vol. XX—I—316; XXX—I—377 u 639; u Vol. XXXII—I—508), illi dan it-terminu huwa terminu "di rigore"; u f'dawk is-sentenzi intqal illi l-ġurisprudenza, tant lokali kemm estera, qatt ma ddubitat illi fil-każ ta' l-azzjoni redibitorja kontemplata fl-art. 1145 Kodiċi Ċivili, hemm terminu ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni vera u proprja, għalkemm il-leġislatur juża l-espressjoni ta' preskrizzjoni. U fiċ-ċitata sentenza tat-23 ta' Mejju 1938 "Darmanin vs. Baldacchino", il-Qorti ta' l-Appell, wara li rriteniet illi t-terminu ta' xahar fuq imsemmi huwa terminu ta' dekadenza, għamlet riferenza għas-suċċitata sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "Caccia vs. Quattrocchi", li kienet irriteniet illi dak iż-żmien jista' jiġi interrott b'atti ġudizzjarji bħal kwalunkwe żmien ieħor ta' preskrizzjoni, biex turi li kienet tal-fehma illi dak il-prinċipju stabbilit minn din il-Qorti bl-imsemmija sentenza ma kien xejn eżatt għal termini ta' dekadenza kif l-istess Qorti ta' l-Appell uriet li tirriteniħ. Anki din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar 1936, fil-kawża "Brown vs. Gelfo", u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Diċembru 1951 fil-kawża "Colquhour vs. Butler", irritenew illi l-imsemmi terminu huwa terminu perentorju;

Lanqas fid-dottrina u fil-ġurisprudenza estera ma hija paċifika l-opinjoni dwar il-kwistjoni jekk l-azzjoni għandhiex tiġi proposta fiż-żmien fatali, jew hix suffiċjenti l-konservazzjoni tad-dritt f'dak iż-żmien, salva l-promozzjoni ta' l-azzjoni posterjorment. Troplong (Della Vendita, p. 411) jiċċita żewġ deċiżjonijiet: waħda tal-Qorti ta' Bourges, fejn ġie ritenut — kien każ ta' bejgħ ta' żiemel marid — illi jibbasta li l-kumpratur ikun ġiegħel li l-marda tiġi konstatata fiż-żmien

at-tmint ijiem assenjati mill-konswetudini lokali, u li l-kumpratur f'dak iż-żmien ikun innotifika bil-perizja lill-venditur; l-oħra tal-Kassazzjoni, li marret aktar 'l hemm — kien każ fejn il-kumpratur kien avża lill-venditur bil-marda b'sempliċi ittra fit-terminu tat-tmint ijiem — għaliex opinat illi kien biżżejjed li l-vizzju jiġi konstatat fit-terminu. Skond il-liġi Franċiża, l-azzjoni redibitorja provenjenti mill-vizzju talħaġa mibjugħa għandha tiġi proposta mill-akkwirent f'terminu qasir skond in-natura tal-vizzju produċenti r-redibizzjoni u l-konswetudnijiet tal-post fejn ikun sar il-bejgħ;

L-opinjoni tat-Troplong hija fis-sens illi f'din il-materja ma teżistix regola ġenerali, imma għandhom jiġu kontemplati prinċipalment it-test tal-liġi u r-regolamenti lokali. Meta l-istatut ikun rigoruż u preċiż, meta l-espressjoni użata tneħħi kull ambigwità, allura l-azzjoni għandha tiġi proposta eżattament fiż-żmien stabbilit; meta, inveċe, it-test ma jkunx hekk rigoruż, jew ikun anqas preċiż, allura wieħed ikun jista' jillargeġġja fl-interpretazzjoni tiegħu;

Zachariae u Duvergier huma ta' l-istess avviż, jiġifieri illi jkun biżżejjed li tiġi komprovata regolarment l-eżistenza tal-vizzju qabel ma jkun għadda ż-żmien, purkè dak iż-żmien ma jkunx formalment rikjest mit-test jew mill-użu fis-sens illi l-azzjoni għandha tiġi intentata f'dak l-istess żmien (Vol. IV. p. 281, u Vol. I, p. 406);

Skond Pacifici Mazzoni, it-terminu li fih għandha tiġi proposta l-azzjoni redibitorja ma jikkostitwix preskrizzjoni, imma dekadenza; però dak it-terminu jista' jiġi interrott b'kull att ta' diffidament u mingħajr bżonn ta' komparizzjoni f'ġudizzju. U in sostenn ta' dina l-opinjoni tiegħu Pacifici Mazzoni jiċċita żewġ sentenzi, waħda tal-Kassazzjoni ta' Firenze u l-oħra tal-Qorti ta' l-Appell ta' Venezja; u jaġġunġi illi l-ġurisprudenza Taljana kienet qiegħda tammetti l-proroga tat-terminu bħala effett ta' trattativi amikevoli diretti biex jipprevjenu kawża b'komponiment konkordat bejn il-partijiet, jew stabbilit minn periti, u jiċċita f'dan issens sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Firenze;

Però, kif ġa fuq ingħad, anki fid-dottrina u fil-ġurisprudenza Taljana jipprevalixxi l-insenjament illi t-terminu stab-

bilit għall-eżercizzju taż-żewġ azzjonijiet, redibitorja u "quanti minoris", ma għandux bl-ebda mod jiġi rigwardat bħala sempliċi preskrizzjoni estintiva, imma inveċe bħala vera u proprja dekadenza, u d-dekors tiegħu ma jistax jiġi sospiż jew interrott minn ebda waħda mill-kawżi li għandhom il-virtù li jissospendu jew jinterrompu l-preskrizzjoni, eċċettwata biss id-domanda ġudizzjali proposta quddiem l-awtorità kompetenti (Tartufari, Codice di Commercio, Vol. III, pag. 410, no. 383, u Ricci, Cuturi, Vidari u Fubini, u numru kbir ta' sentenzi tal-Qrati Taljani ċitati mill-istess Tartufari); u meta d-dritt għall-propożizzjoni tar-redibitorja jew ta' l-estimatorja permezz ta' azzjoni jkun spiċċa bid-dekors taż-żmien, la r-redibitorja u lanqas il-"quanti minoris" ma tkun tista' tiġi mill-kumpratur opposta "in via d'eccezione", għaliex innota massima "temporalia ad agendum perpetua ad excipiendum" mhix applikabili in tema ta' dekadenza. U inveru, dik il-massima tippresupponi f'min għandu jagħmel f'xi żmien innuqqas ta' interess li jassumi l-parti ta' attur; u dik ir-regola, akkolta mill-Kodiċi Ċivili tagħna fl-art. 1270, ma tapplikax blief għall-kawżi ta' nullità jew ta' rexissjoni li jissemmew fil-preċedenti artikoli, u l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni estimatorja, regolati speċjalment band'oħra, ċertament ma jistgħux jiġu ritenuti kompriżi (Kollez. III, pag. 624; XII, pag. 640; XVII—III—79);

Lanqas it-trattativi li jista' jkun hemm bejn iż-żewġ kontraenti waqt id-dekors taż-żmien, biex jirranġaw jew jirriżolvu l-kwistjoni, ma jistgħu jkollhom l-effikaċja interruttiva, ammenokkè, bħala effett u fil-kors ta' dawk it-trattativi, u fil-waqt li jkun għadu għaddej iż-żmien, il-venditur ma jkunx irrikonoxxa u ma jkunx ma kkuntrastax l-eżistenza tal-vizzju (Tartufari, u ġurisprudenza minnu ċitata, fol. 411 (1) ). Dan il-prinċipju ġie segwit mill-Qrati Tagħna (Kollez. XX—I—316; XVII—III—79; XXI—III—196);

Ikkunsidrat;

Illi, fil-każ preżenti, l-attur ma jikkontrastax il-fatt allegat mill-konvenut illi l-azzjoni ġiet proposta wara li kien għadda ż-żmien tax-xahar fuq imsemmi. Del resto dana jirriżulta assodat mill-provi, li juru li għall-anqas l-azzjoni ġiet

eżerċitata wara sena u tmien xhur mill-iskadenza tat-termini (fol. 1 u fol. 13); u allura, biex l-attur ikun jista' jsostniha, ikollu jipprova illi huwa, fiż-żmien utili, informa bilvizzju tal-ħaġa lill-konvenut, u dana, f'dak iż-żmien, ipprometta li jeħodha lura, jew almenu rrikonoxxa u ma kkuntrastax il-vizzju;

Illi ma jistax jiġi ritenut li l-attur irnexxielu jagħmel din il-prova; għaliex in veru, l-attur xehed..............;

Giovanni Grech, prodott mill-attur, xehed..............;

Crispin Spiteri, prodott mill-attur, xehed..............;

Lorenzo McKay xehed................;

Min-naħa l-oħra, il-konvenut xehed illi mal-konsenja talkartell kontenenti l-merkanzija huwa ta lill-attur pakkett biex jirrinforzalha l-kulur, u l-attur qatt ma kellmu fuq l-istess merkanzija qabel ma beda javviċina ruħu s-sajf ta' wara, meta mar jgħidlu li kien baqgħalu minnha għoxrin gallun li ried jaħdem f'dak is-sajf li kien ġej, u li kien jidhirlu li dawk lgħoxrin gallun ma kienux tajbin. Il-konvenut allura kiteb lid-ditta minn għand min kien ġieb il-merkanzija..............;

Non ostanti x-xhieda ta' l-imsemmi Grech, Spiteri u McKay, għandha tiġi aċċettata d-depożizzjoni tal-konvenut; għaliex dina hija sostnuta mill-provi li jirriżultaw minn dokumenti, fil-waqt illi l-istess dokumenti juru illi l-fatti ma setgħux żvolġew ruħhom kif ġew deposti mill-attur u mixxhieda tiegħu, Grech, Spiteri u McKay. Jibbasta li wieħed josserva li mid-dokumenti fil-fol. 13 jirriżulta..............;

Għalhekk, milqugħa d-depożizzjoni tal-konvenut, jekk ilvizzju kien vizzju redibitorju — ma hemmx bżonn li wieħed jidħol f'dil-kwistjoni; anki jekk, wara li għadda ż-żmien fatali għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni relativa, kif ġie pruvat li dak iż-żmien kien għadda, l-attur għarraf lill-konvenut bilvizzju, u bdew bejniethom trattativi għall-appjanament u riżoluzzjoni tal-kwistjoni li l-attur tardivament qajjem; anki jekk, bħala effett jew fil-kors, ta' dawk it-trattativi, il-konvenut irrikonoxxa u ammetta l-eżistenza tal-vizzju u l-konsegwenti leġittimità tar-reklam ta' l-attur — dak li ma ġiex pruvat; dan ma jistax iġib li l-azzjoni ġiet mill-attur eżerċitata fiż-żmien utili, appuntu għaliex it-trattativi bdew tardi-

vament, jiġifieri wara li kien għadda t-terminu, wara li l-attur kien ġa ddekada mill-azzjoni; billi, u dan hu ċar, trattandosi ta' dekadenza, ir-rikonoxximent u l-ammissjoni tal-vizzju da parti tal-venditur, li jagħtu lok għas-sospensjoni tat-terminu, anki jekk jiġi ritenut li jistgħu jiswew ukoll meta jsiru tardivament, u mhux neċessarjament li jkunu saru waqt li jkun għadu qiegħed jiddekorri ż-żmien, kif ġie ritenut minn sentenzi tal-Qrati Taljani, huwa żgur però li jridu jkunu l-effett ta' trattativi li jkunu bdew fil-waqt li jkun għadu għaddej iż-żmien utili għall-propożizzjoni ta' l-azzjoni (Tartufari, op. cit., pag. 410). Anzi, il-Kassazzjoni ta' Ruma, f'sentenza tal-25 ta' Frar 1889, irriteniet illi, biex l-azzjoni redibitorja tiġi ritenuta eżerċitata fiż-żmien utili, f'każ tal-konfessjoni tal-venditur dwar l-eżistenza u pre-eżistenza tal-vizzju, jeħtieġ li dik il-konfessjoni tkun ġiet ottenuta mill-kumpratur "nel termine";

Għaldaqstant it-trattativi kollha fuq riferiti bejn il-kontendenti, u dak kollu li sar fil-kors tagħhom, ma jiswiex kontra d-dekadenza taż-żmien;

Del resto, anki kieku dak li sar f'dawk it-trattativi sar waqt li kien għadu għaddej it-terminu, jew anki tardivament, imma fil-kors ta' trattativi inizjati fiż-żmien utili, fil-każ li f'din l-ipotesi seta' jiswa dak li sar bħala effett ta' dawk it-trattativi, ma jistax ikollu effikaċja interruttiva, għar-raġuni li ma jwassalx għal rikonoxximent jew konfessjoni tal-vizzju da parti tal-konvenut. Ma hemm l-ebda prova li l-konvenut ammetta, irrikonoxxa, jew ikkonfessa l-vizzju, meta kiteb lid-ditta estera. Kien anzi jaħseb li l-merkanzija kienet marret "out of condition", preżumibilment stante d-dewmien fl-użu tagħha, tant li kiteb biex jara jekk dik id-ditta setgħetx tirrakkomanda "any manner of reconditioning"..............;

Għaldaqstant ma jirriżultax soddisfaċentement pruvat ir-rikonoxximent ċar, formali u espliċitu, tal-vizzju; u huwa risaput illi r-rikonoxximent ta' vizzju redibitorju, biex jissospendi d-dekadenza ta' l-azzjoni redibitorja, irid ikun ċar, for-

mali, esplicitu, inkondizzjonat (Giur. sul Codice Civile, Vol. VIII, p. 649, no. 270);

Ghall-motivi premessi;

Tiddikjara li josta ghall-azzjoni proposta d-dekorriment tax-xahar, u konsegwentement tirrespingi t-talbiet ta' l-attur nomine; bl-ispejjeż.